MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI

# (GHAWDEX)

# (GURISDIZZJONI SUPERJURI)

# (SEZZJONI GENERALI)

## MAGISTRAT

## JOANNE VELLA CUSCHIERI

Seduta ta' l-24 ta' Frar, 2015

Rikors Ta Revoka Numru. 1/2014/1

**Marthese Galea**

**-vs-**

**Registratur tal-Qrati Civili u Tribunali (Ghawdex) u ghal kull interess li jista' jkollhom Donald Galea, Luke Agius u Registratur tar-Registru Pubbliku, Ghawdex**

Il-Qorti;

Rat ir-rikors ta' Marthese Galea tad-9 ta' Jannar 2014 fejn ippremettiet illi b'sentenza moghtija minn din l-Onorabbli Qorti fit-22 ta' Novembru 2013 fl-ismijiet Marthese

Galea vs Donald Galea et (Rikors Guramentat 16/2013), l-esponenti Marthese Galea giet ikkundannata thallas l-ispejjez tal-kawza.

Illi minkejja li l-esponenti ntavolat dina l-kawza bil-beneficcju tal-ghajnuna legali, jidher li fit-taxxa mahruga mir-Registratur tal-Qorti, xorta wahda l-esponenti giet allokata l-ispejjez u di fatti hija diga' giet interpellata sabiex thallas l-ispejjez lill-Avukat Dottor Angele Formosa u lid-Direttur tar-Registru Pubbliku.

Illi r-rikorrenti jixtiequ jattakkaw din it-taxxa bhala rregolari u konsegwentement inattendibbli ghar-ragunijiet segwenti:

Illi stante li l-esponenti ntavolat dina l-kawza bil-beneficcju tal-ghajnuna legali hija ma ghandhiex tissupporta jew thallas ebda spejjez.

Talbet ghalhekk ai termini ta' l-Artikolu 64 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta li din l-Onorabbli Qorti joghgobha thassar u tirrevoka t-taxxa esebita bhala Dok A mahruga mir-Registratur intimat fir-rigward tad-drittijiet u spejjez gudizzjarji relattivi ghall-kawza fl-ismijiet Marthese Galea vs Donald Galea et (Cit. Nr. 16/2013) deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Superjuri Sezzjoni Generali fit-22 ta' Novembru 2013.

Bl-ispejjez.

Rat ir-risposta tar-Registratur tal-Qorti Civili u Tribunali (Ghawdex) datata 27 ta' Jannar 2014 fejn ippremettiet:

Fl-ewwel lok, l-inkompetenza *rationae valoris* ta' dina l-Onorabbli Qorti.

Fit-tieni lok u bla pregudizzju l-fatt illi r-rikorrenti nghatat il-beneficcju tal-ghajnuna legali fil-kawza de quo ma jfissirx illi m'ghandhiex tinhareg taxxa tad-drittijiet u spejjez attribwibbli lir-rikorrenti. Tajjeb illi r-rikorrenti tiftakar illi hija fi kwalunkwe kaz tenuta thallas tali spejjez u drittijiet meta c-cirkostanzi ekonomici taghha jippermettulha taghmel hekk.

Ghaldaqstant, it-talba tar-rikorrenti ghandha tigi michuda bl-ispejjez stante li l-ligi taghtiha rimedji ohra fic-cirkostanzi partikolari taghha imma certament mhux illi ssir ritassa kif qeghdha titlob.

Rat ir-risposta tad-Direttur Registru Pubbliku Ghawdex datata 3 ta' Frar, 2014 fejn ippremetta:

Illi jekk ir-rikorrenti qeghdha tikkontesta l-kundanna biex thallas l-ispejjez tal-kawza hi ma tistax tattakka l-validita' tat-taxxa ufficjali, izda setghet tappella mis-sentenza moghtija fil-kawza Citazzjoni numru 16/2013 (PC) fl-ismijiet "Marthese Galea vs Donald Galea et" fejn din il-qorti kkundannataha thallas l-ispejjez tal-partijiet l-ohrajn kollha.

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost ir-rikorrenti trid tindika liema artikolu fil-ligi jiddisponi illi parti li pprocediet bil-beneficcju tal-ghajnuna legali m'ghandux jigi kkundannat ihallas l-ispejjez tal-partijiet l-ohrajn fil-kawza u jekk hemm xi artikolu simili, min  ha jaghmel tajjeb ghall-ispejjez sofferti mill-partijiet l-ohrajn.

Rat illi l-intimati l-ohra Donald Galea u Luke Agius ghalkemm debitament notifikati ma prezentaw l-ebda risposta.

Rat l-atti tar-rikors guramentat bin-numru 16/2013 fl-ismijiet "Marthese Galea vs. Donald Galea et" deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex), Gurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Familja nhar it-22 ta' Novembru, 2013.  In partikolari rat ir-rikors ghall-beneficcju ta' l-ghajnuna legali a fol. 8 u 9 tal-process u d-digriet a fol. 10 li permezz tieghu giet milqugha t-talba.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tad-Direttur tar-Registru Pubbliku datata 24 ta' Novembru 2014;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tar-Registratur tal-Qorti Civili u Tribunali (Ghawdex) datata 1 ta' Dicembru, 2014;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrenti datata 2 ta' Frar, 2015;

Rat illi fil-verbal tat-13 ta' Frar, 2015 il-partijiet qablu li r-rikors kellu jithalla ghad-decizjoni ghal-lum.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-fatti tal-kaz huma semplici.  Ir-rikorrenti kienet fethet kawza ta' denegata paternita' fil-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Familja bin-numru 16/2013 f'isimha personali u ghan-nom ta' binha Christiano Galea u dan kontra Donald Galea, Luke Agius u r-Registru Pubbliku ghal Ghawdex. F'din il-kawza hija nghatat il-beneficcju tal-ghajnuna legali. Il-kawza giet deciza nhar it-22 ta' Novembru, 2013 fejn dik l-Onorabbli Qorti wara li laqghet it-talbiet tar-rikorrent iddecidiet li l-kawza kellha tkun bl-ispejjez kontra l-attrici.

Konsegwenti ghal dik id-decizjoni nhar l-10 ta' Dicembru, 2013 harget it-taxxa ufficcjali tad-drittijiet u spejjez tal-istess kawza esebita a fol. 3 tal-process. It-taxxa hija in linea ma' dak li jiddikjara l-artikolu 920 (2) tal-Kap. 12 stante li fil-parti fejn hemm indikat id-dritt tar-Registru tnizzlu l-kliem 'legal aid' u ma giex intaxxat id-dritt. Fil-mument li r-rikorrenti giet interpellata sabiex thallas l-ispejjez skont kif ordnat fid-decizjoni tal-Qorti precedenti mill-partijiet l-ohra r-rikorrenti ntavolat din il-kawza ai termini tal-artikolu 64 tal-Kap. 12 bil-bazi ndikat tkun li r-rikorrenti kienet intavolat il-kawza bil-beneficcju tal-ghajnuna legali u ghalhekk ma ghandhiex tbaghti ebda spejjez.

Illi fl-ewwel lok jehtieg li tigi kkunsidrata l-eccezzjoni ta' nuqqas ta' kompetenza *rationae valoris* ta' din il-Qorti mqajjma bhala l-ewwel eccezzjoni mir-Registratur tal-Qorti Civili u Tribunali (Ghawdex).

Illi ghandu jigi rilevat li d-decizjoni li fuqha harget it-taxxa in kwistjoni nghatat mill-Qorti tal-Magistrati Ghawdex, Gurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Familja.

Illi t-talba tar-rikorrenti taqra proprjament kif isegwi:

'Ghaldaqstant, l-esponenti, ai termini tal-Artikolu 64 tal-Kap. 12 (sottolinjar tal-Qorti) tal-Ligijiet ta' Malta, titlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti joghgobha thassar u tirrevoka t-taxxa hawn esebita bhala Dok. A mir-Registratur intimata fir-rigward tad-drittijiet u spejjez gudizzjarji ghall-kawza fl-ismijiet "Marthese Galea vs. Donald Galea et" (Cit. nru. 16/2013) deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Generali, (sottolinjar tal-Qorti) fit-22 ta' Novembru, 2013.'

It-talba tal-esponenti hija *di principio* monka stante li erronjament titlob li tigi mhassra u revokata taxxa li harget wara decizjoni tal-Onorabbli Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Generali, taxxa li fil-fatt ma tezistix. It-taxxa esebita a fol. 3 u li r-rikorrenti qed tittanta tattakka hija rizultat ta' decizjoni tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Familja kif jidher fuq l-istess taxxa. Ghalhekk anki fuq dan il-punt biss, li kieku l-Qorti kellha tilqa' t-talba tar-rikorrenti kif dedotta din xorta wahda ma jkollha l-ebda effett stante li tkun qed tigi mhassra taxxa li effettivament ma tezistix.

Illi izda l-Qorti xorta wahda ser tanalizza l-ewwel eccezzjoni tar-Registratur tal-Qorti Civili u Tribunali (Ghawdex) li min-nota ta' sottomissjonijiet tieghu jidher li ma nnotax illi t-taxxa mitluba li tigi mhassra ma hargitx wara decizjoni tal-Qorti ndikata mir-rikorrenti fir-rikors taghha izda Qorti diversa;

Illi mit-talba suesposta m'hemmx dubju li dak li ntentat taghmel l-esponenti permezz tar-rikors taghha hija kawza ta' ritassa ai termini tal-artikolu 64 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta u xejn u dan nonostante li fin-nota ta' sottosmissjonijiet taghha r-rikorrenti tipprova tmur ferm oltre u tidhol fl-applikazzjoni tal-artikoli 911 sa 928 H tal-Kap. 12 daqslikieku t-talba taghha kienet talba dikjaratorja dwar l-interpretazzjoni u l-applikazzjoni tal-istess artikoli izda evidentement minn qari semplici tat-talba, dan mhux minnu.

Illi l-artikolu 64 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta fis-sub-artikolu (1) jaqra kif isegwi:

'L-ispejjez gudizzjarji jigu ntaxxati u likwidati mir-registratur, u t-taxxi maghmulin minnu ma jistghux jigu attakkati wara li jaghlaq xahar. Dik l-azzjoni ghandha tinbeda b'rikors li ghandu jigi trattat sommarjament mill-qorti. Dan iz-zmien, ghal dawk li jitolbu t-taxxa tal-ispejjez, jibda jghodd mill-gurnata li fiha tkun harget it-

taxxa, u, ghad-debitur li jkun regolarment innotifikat bit-taxxa b'att gudizzjarju, mill-gurnata ta' dik in-notifika.'

Illi l-artikolu 64 ma jindikax liema Qorti ghandha tisma' l-kaz ta' ritassa stante li jsemmi biss il-'Qorti'. Ir-Registratur tal-Qorti fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu isostni li ai termini tal-artikoli 47 u 50 (2) (a) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta ir-rikors odjern kellu jigi ntavolat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex), Sezzjoni Inferjuri u dan stante l-valur tat-taxxa attakkata. Fil-fatt il-valur massimu tat-taxxa attakkata li kieku wiehed kellu jghodd id-drittijiet u l-ispejjez kollha dawn jammontaw ghas-somma ta' elf, tliet mija u disgha u tmenin Euro (€1,839).

Illi mil-lat ta' gurisprudenza fil-kawza fl-ismijiet **Anthony Formosa vs. L-Avukat Joseph Ellis et** bin-numru 472/2013AE deciza nhar l-1 ta' Novembru, 2013 (kkwotata wkoll fin-nota ta' sottomissjonijiet tar-Registratur tal-Qorti Civili u Tribunali (Ghawdex)) fir-rigward ta' eccezzjoni dentika ghal dik odjerna dik l-Onorabbli Qorti iddikjarat if isegwi:

"vi. Taxxa tal-ispejjez gudizzjarji ma tinharigx mill-Qorti izda mir-Registratur tal-Qrati Civili u Tribunali. Ghalhekk 'il-fatt li tkun dwar kawza li giet deciza mill-Prim'Awla m'huwiex rilevanti ghall-finijiet ta' kompetenza. Kif osservat il-Qorti tal-Appell fil-kaz "Buttigieg nomine et vs Cauchi proprio et nomine et" (39/1992/2) deciz fid-29 ta' Lulju 2004: "L-azzjoni a bazi ta' l- Artikolu 64 hija separata w indipendenti mill-proceduri li jkunu gew decizi, in kwantu fiha l-Qorti tintalab biex tikkunsidra xi haga li grat wara d-determinazzjoni tal-kontestazzjoni li kellha quddiemha bejn il-kontendenti, f'dan il-kaz l-intaxxar tad-drittijiet u l- ispejjez tal-partijiet u l-hrug tat-taxxa relattiva da parti tar- Registratur."

L-ammont in kontestazzjoni huwa ta' disa' mija sebgha u erbghin euro u disgha u ghoxrin centemzu (€947.29). Pretensjonijet simili ma jaqghux fil-kompetenza ta' din il-qorti. B'applikazzjoni ta' dak li nghad mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Qorti Superjuri fil-kaz "Francis Saliba et vs Registratur tal-Qorti ta' Ghawdex et" (111/07) f'dik il-parti fejn giet trattata eccezzjoni dentika, din il-qorti m'ghandhiex kompetenza biex tikkunsidra t-talba ghar-ritassa ai termini tal-Artikolu 64 tal- Kap. 12.'

Illi l-ammont in kwistjoni fit-taxxa attakkat bir-rikors odjern ma jaqax fil-gurisdizzjoni superjuri ta' din il-Qorti u ghalhekk din l-eccezzjoni jisthoqqilha li tigi milqugha. Fic-cirkustanzi l-Qorti tqis la ma hemmx lok li tinoltra oltre fl-eccezzjonijiet l-ohra mqajjma mill-intimati.

**Decizjoni**

Ghal dawn il-motivi l-qorti tiddeciedi r-rikors billi:-

1. Tilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-intimat Registratur tal-Qrati Civili u Tribunali (Ghawdex) u tichad it-talba tar-rikorrenti.

2. Ghal kull buon fini tiddikjara li l-procedura kontemplata fl-Artikolu 64 tal-Kap. 12

ma kinitx il-procedura idoneja sabiex ir-rikorrenti tindirizza l-ilment taghha ai termini tal-artikoli 911 sa 928H indikati minnha fin-nota ta' sottomissjonijiet.

Spejjez a karigu tar-rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------